MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2009

Numru 11/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**vs**

**TAREK MAMUD ABU MEHDI**
**- omissis -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom TAREK MAMUD ABU MEHDI ta’ 29 sena, bin Mahmud u Saad nee’ Ertemi, imwieled Tripli, il-Libja, fl-4 ta’ Dicembru, 1975 u joqghod fil-font numru: 49, ‘Santa Maria’, Triq Santu Wistin, Hal Tarxien jew fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-passaport Libjan numru: 120603.

- omissis -

A) Billi gew akkuzati talli, nhar l-14 ta’ Dicembru, 2004, ghal habta tal-11.10 ta’ filghodu, minn Triq l-Iskola, gewwa Hal Tarxien ikkommettew is-serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos, ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472, ghad-detriment ta’ Frank Caruana mill-Fgura u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta ta’ haga misruqa u bil-valur, liema valur jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u dana bi ksur ta’ l-artikli 271 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
B) Akkuzat ukoll talli, nhar it-18 ta’ Dicembru, 2004 u fil-granet ta’ qabel, kellhom fil-pussess taghhom oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq, cioe’ vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos, ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472 u dana bi ksur ta’ l-art. 286 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
C) U aktar talli nhar it-18 ta’ Dicembru, 2004 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, saqu vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos, ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472, minghajr ma kellhom licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kienux koperti mill-polza tas-sigurta’ ghal terzi persuni u dana bi ksur ta’ l-art. 15(1)(e)(3) tal-Kap. 65 u art. 3, Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll akkuzati talli saru recidivi b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru definittivi.

Lil Tarek Mamud Abu Mehdi wahdu:

D) Akkuzat talli nhar l-20 ta’ Dicembru, 2004 u fil-granet ta’ qabel, zamm u garr arma bil-ponta, cioe’ mus, minghajr licenzja maghruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-art. 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.
E) Akkuzat ukoll tal-nhar l-14 ta’ Dicembru, 2004 ghal habta tal-11.10 ta’ filghodu, filwaqt li kien fi Triq l-Iskola, gewwa Hal Tarxien saq il-vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos, ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472, b’manjiera perikoluza u dan bi ksur ta’ l-art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil - omissis - wahdu:

- omissis -

Il-Qorti giet mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta’ Tarek Mamud Abu Mehdi u - omissis - u dana skond kif inhu mitlub fl-art. 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 20 ta’ April, 2007 (ara fol. 105 tal-Process) u nnutat li l-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat it-talba tal-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum, fejn dan talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-

konfront tal-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (g), 267, 279(b), 280, 281, 334, 286, 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kap. 65 , l-artikoli 3(1)(2) u 3(2A) tal-Kap. 104, l-artikoli 13(1) tal-Kap. 66 (illum Kap. 480) u l-artikolu 12(1) tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi ghall-piena komplessiva ta' sittax (16) il-xahar prigunerija u mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu ta' Euro (Euro 232.94) multa.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Tarek Mamud Abu Mehdi milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmintax (18) il-xahar millum.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------